MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Numru. 43/2012

Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)

vs

Julian Calleja

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar l-5 ta' Mejju 2012, ghal-habta tat-tlieta u ghaxra ta' wara nofsinhar (1510hrs) gewwa diversi postijiet fil-Munxar Ghawdex;

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Skoda bin-numru tac-chassis TMBADA200L0120115 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz. (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma l-licenzja kienet mahruga mil-Awtorita Kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti (Reg. 13(1) tal-A.L 198 tal-2009).

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma kellu l-pjanci tar-registrazzjoni msemmija fl-artikolu 32(1) tal-A.L. 198 tal-2009) jew pjanci mahruga minn xi awtorita kompetenti ohra (Reg. 32(7) tal-A.L 198 tal-2009).

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed issuq l-imsemmija vettura u waqt li kien riesaq lejn ‘pedestrian crossing’ naqas li jnaqqas il-velocita’ (Art. 89(1) tal-L.S. 65.11).

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura  ecceda l-limitu ta’ velocita waqt li kien ghaddej minn gewwa Belt jew Rahal (Art. 127(1) tal-L.S. 65.11).

6. U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni (Art. 3(1) tal-Kap. 104).

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qieghed jaghmel uzu mic-cinturin tas-sigurta’ (Art. 3 tal-L.S. 65.12).

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b’tali mod li ghamlet hsejjes zejda (Art. 105 tal-L.S. 65.11).

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar il-15 ta’ Marzu 2012 mil-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D (Art. 579(2) tal-Kap. 9).

10. U aktar talli sar recediv b’sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza saret

definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra (Art. 49, 50 tal-Kap. 9).

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u dan skond l-artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il–Qorti hija mitluba ukoll illi sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal zmein tnax –il xahar u dan skond l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65; l-artikolu 15(2) tal-Kap 65; Ir-Regolament 13(1) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; Ir-Regolament 44(7) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; ir-Regolamenti 32(1) u 32(7) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; l-artikolu 89(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-artikolu 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12; l-artikolu 105 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-artikoli 3(1), 3(2)(i) u 3(2)(A) tal-Kap 104; l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9; l-artikolu 49 tal-Kap 9 u l-artikolu 17(d) tal-Kap 9.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlief ghad-disa' akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat li inkwantu ghall-akkuza numru ghaxra (10) l-artikolu 50 tal-Kap 9 thassar wara li l-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghal tali korrezzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar id-disa' imputazzjoni u l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hliefa ghad-disa' imputazzjoni.

Illi ghalhekk inkwantu ghall-imputazzjonijiet kollha li gew ammessi hlief ghad-disa' akkuza dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi inkwantu ghad-disa' imputazzjoni l-Qorti rat id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta' Marzu 2012 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D minn fejn jirrizulta li l-imputat kien obbliga ruhu li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Illi l-imputat mhux qed jikkontesta li l-fatti graw tant li huwa qed jammetti l-imputazzjonijiet. Illi m'hemmx dubju li r-reati li taghhom illum qieghed jinstab hati huma delitti ta' natura volontarja. Il-kondizzjonijiet li jigu mposti fl-ghoti ta' helsien mill-arrest ghandhom jigu osservati mill-imputat b'mod rigoruz. Ghalhekk il-qorti qeghda ssib lill-imputat hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati u kontravenzjonijiet li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li mhiex wahda ezemplari. Hadet in konsiderazzjoni wkoll l-fatt li l-imputat huwa recediv u li l-kommissjoni ta' dawn ir-reati u kontravvenzjonijiet saru fil-perjodu ta' meta hemm vigenti digriet ta' helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ta' natura volontarja.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlief li timponi piena karcerarja effettiva; kif ukoll li tirrevoka d-digriet ta' helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta' Marzu 2012.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65; l-artikolu 15(2) tal-Kap 65; Ir-Regolament 13(1) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; Ir-Regolament 44(7) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; ir-Regolamenti 32(1) u 32(7) ta' l-Avviz Legali 198 tal-2009; l-artikolu 89(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-artikolu 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12; l-artikolu 105 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11; l-

artikoli 3(1), 3(2)(i) u 3(2)(A) tal-Kap 104; l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9; l-artikolu 49 tal-Kap 9 u l-artikolu 17(d) tal-Kap 9 issib lill-imputat hati tad-disa’ akkuza u fuq ammissjoni tieghu  ssib lill-imputat Julian Calleja hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontrih u tikkundannah tlettax-il (13) xahar prigunerija. Tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tac-chassis TMBADA200L0120115. Inoltre’ tordna s-sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta’ sena li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl illum.

Tordna wkoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest li inghata permezz tad-digriet tal- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta’ Marzu 2012 u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat u taghzel illi fic-cirkostanzi d-depozitu u l-garanzija personali mposti fid-digriet tal-helsien mill-arrest tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta’ Marzu 2012 ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta’Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti u Tribunali ta’ Ghawdex u lid-Direttur ta’ Transport Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------